

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fit-28 ta' Ottubru 2016 – Gasorba S.L., Josefa Rico Gil u Antonio Ferrándiz González vs Repsol Comercial de Productos Petrolíferos S.A.

(Kawża C-547/16)

(2017/C 022/13)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Gasorba S.L., Josefa Rico Gil u Antonio Ferrándiz González

Konvenuta: Repsol Comercial de Productos Petrolíferos S.A.

Domandi preliminari

- 1) Skont l-Artikolu 16 (“L-applikazzjoni uniformi tal-Liġi tal-Kompetizzjoni tal-Komunità”) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ⁽¹⁾, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni [2006/446/KE ⁽²⁾], tat-12 ta' April 2006, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 tat-Trattat KE (Kawża COMP/B 1/38.348 – Repsol CPP) tipprekludi li qorti nazzjonali tkun tista' tannulla l-ftehimiet li tirreferi għalihom din id-deċiżjoni minħabba t-tul ta' żmien tal-klawżola ta' provvista esklużiva, minkejja li jistgħu jiġu ddikjarati nulli minħabba kawżi oħra bħal, pereżempju, l-impożizzjoni mill-fornitur fuq ix-xerrej (jew fuq il-bejgiegħ mill-ġdid) ta' prezz minimu ta' bejgħ lill-pubbliku?
- 2) Fdin l-ipoteżi, jista' jitqies li l-kuntratti għal perijodu twil affettwati mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' April 2006, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 tat-Trattat KE (Kawża COMP/B 1/38.348 – Repsol CPP) jibbenefikaw, bis-saħħa ta' din id-deċiżjoni, minn eżenzjoni individwali taħt l-Artikolu 101(3) TFUE?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205.

⁽²⁾ ĠU 2006, L 176, p. 104.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad Sofia-grad (il-Bulgarija) fit-2 ta' Novembru 2016 – “Wind Innovation 1” EOOD, taħt proċedura ta' stralċ vs Direktor na Direksia “Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika” – Sofia

(Kawża C-552/16)

(2017/C 022/14)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Administrativen sad Sofia-grad

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: “Wind Innovation 1” EOOD, taħt proċedura ta' stralċ

Konvenut: Direktor na Direksia “Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika” – Sofia